# Mill-Baħħ Etern

Joe Zammit Tabona

Xi waqt inħoss ġo fija
In-nifs għani tad-dija,
Bħal fewġa fl-għana tiegħi
Li terfa' ħsiebi miegħi,
Ħelu, mill-baħħ etern;

U l-leħħa tad-dejjiemi
Fis tilma ġewwa qalbi
Fi ġmiel ta' dehra għaslija
Id f'id ma' xewqat talbi;
Imdawla xrar ħolmija
Għariba għall-għaddieni,
Dehriet għall-għajn moħbija
Bikrija u tal-ġejjieni;
Tbissim minn tal-poeti
Ma' ilħna għalenija
U l-għanja wirt is-sema
Żagħżugħa u dejjemija

Xi waqt inħoss ġo fija
In-nifs għani tad-dija,
Bħal fewġa fl-għana tiegħi
Li terfa' ħsiebi miegħi,
Ħelu, mill-baħħ etern!